MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 1923/2013/1

Dylan **Azzopardi iben missier mhux maghruf u Rita Scerri, imwieled Pieta` u residenti 46 Triq Hal Qormi, Okkella Agius, Hamrun (ID 184293M)**

**vs**

**Peter Zammit iben Joseph u Antoinette xebba Farrugia, imwieled Attard u residenti 45, Old Mint Street, Mosta (ID374870M) u martu Sharlot Zammit, impjegata, bint Nazzareno Zammit u**

**Carmen xebba Tabone, imwielda San Giljan u residenti Msida (ID366473M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ipprezentat fid-19 ta’ Dicembru 2013.

Rat id-digriet tad-19 ta' Dicembru 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-14 ta' Jannar 2014 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2014 fejn irrizulta li l-intimat kien ghadu mhux notifikat u iddifferiet ir-rikors ghat-30 ta' Jannar 2014.

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2014, fejn kien ghad jonqos in-notifika tal-intimati u ddifferiet ir-rikors ghas-6 ta' Frar 2014.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 2014 fejn kien ghad jonqos in-notifika tal-intimati u ddifferit ir-rikors ghall-11 ta' Marzu 2014.

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors, deher r-rikorrent assistit mill-Avukat Dr. David Camilleri u Dr Kenneth Grima ghall-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fil-25 ta' Frar 2014.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors estensivament.

Ir-rikors gie differit ghall-digriet kamerali.

**Ikkunsidrat**

Bil-proceduri odjerni, ir-rikorrenti qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimati jigu inibiti milli jbieghu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu tal-proprjeta' ossia *terraced house,* bl-arja u gnien fuq wara, formanti parti mill-imsemmija dar, ufficjalment bin-numru hamsa u erbghin (45) gja numru tlieta u ghoxrin (23) bl-isem "*Old Mill House*" fi triq il-Mithna l-Qadima, Mosta.

Ir-rikorrent ipprezenta ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 253 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta wara l-hrug ta' kambjala favur l-istess rikorrent tal-import ta' sittin elf ewro (€60,000), liema kreditu jixtieq jikkawtela permezz tal-hrug tal-mandat odjern.

L-intimati opponew ghal din it-talba in kwantu li l-mandat odjern hu identiku f'kull aspett ma' mandat iehor intavolat mir-rikorrent kontra l-istess intimati bin-numru 1635/13 JRM, liema mandat gie michud minn din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta b'Digriet tad-29 ta' Novembru 2013.

**Rizultanzi Fattwali**

Jirrizulta li l-kambjala mertu ta' dan ir-rikors (**DOK A)** giet iffirmata fil-31 ta' Awwissu 2013 minn Peter Zammit wahdu waqt iz-zwieg tieghu ma' Charlotte Zammit. Din il-kambjala kellha timmatura fit-30 ta' Settembru 2013. Ftit wara l-iffirmar tal-kambjala, fit-3 ta' Settembru 2013, il-konjugi Zammit iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni debitament awtorizzat, fejn sehem l-intimat ta' nofs (1/2) indiviz mill-immobbli deskritta fir-rikors tal-lum giet assenjata lill-istess Charlotte Zammit (**Dok C** anness mar-Rikors) li saret proprjetarja in assoluta.

Ir-rikorrent isostni li l-pretensjoni tieghu ghall-hlas tal-import tal-kambjala tista' validament tintalab kontra l-intimata bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn zewgha. Hu ssottometta li d-dejn, allavolja assunt mir-ragel wahdu, jorbot lill-istess komunjoni. Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni sar wara l-iffirmar tal-kambjala u ghalhekk dan il-kuntratt m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur. Jiccita wkoll **l-artikoli 62A u 1244** tal-Kodici Civili ta' Malta.

Jirrizulta li r-rikorrent ipproceda in ezekuzzjoni tal-kambjala permezz ta' ittra ufficjali datata l-1 ta' Ottubru 2013 kontra l-intimat Peter Zammit wahdu **(DOK A)** *stante* li l-intimat ma onorax il-hlas.

Ikkonsidrat li fid-29 ta' Novembru 2013, din il-Qorti kif diversament presjeduta cahdet it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni imsejsa fuq l-istess kawzali, bejn l-istess partijiet, (**DOK B a fol 6)** peress li "*jonqos element ewlieni li dwar jista' jinhareg il-Mandat mitlub mir-rikorrent, jigifieri li d-debitur tieghu mhuwiex sid il-post li dwar ntalab il-hrug tal-Mandat."*

L-intimati sostnew li din il-procedura hija irrita u vessatorja in kwantu li l-mandat odjern huwa identiku ghall-ewwel mandat fuq imsemmi . Il-ligi taghna ma tippermettix tali abbuzi procedurali. Galadarba talba simili giet deciza, mhux permissibbli ghar-rikorrenti li jirrepeti l-istess talba identika altrimenti din il-Qorti, fil-proceduri li ghandha quddiemha, tkun qed isservi bhala Qorti ta' Appell minn decizjoni gja mehuda.

Din il-Qorti tikkondividi t-tezi tal-intimati altrimenti jkun ammissibbli ghall-kreditur pretendenti li jittenta l-istess talba ripetutament quddiem l-istess Qorti izda diversament presjeduta sakemm fl-ahhar forsi jirnexxi fid-domanda tieghu. Dan johloq lok ta' abbuz u *forum shopping* u jimmilita kontra l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja .

Madanakollu rriskontrat distinzjoni bejn ir-rikors odjern u dak li kellha quddiemha fil-Mandat precedenti in kwantu dak il-Mandat tressaq in kawtela tal-hrug tal-ittra ufficjali imsemmija, filwaqt li l-Mandat odjern tressaq in kawtela ukoll ta' proceduri intavolati *a tenur* tal-artikolu 167 *et. seq.* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Izda fil-fehma ta' din il-Qorti, din id-differenza mhiex bizzejjed biex tbiddel l-ezitu finali, kif issa ser tispjega.

Ikkonsidrat li l-mandat odjern inhareg a tenur tal-artikolu 874 tal-Kap 12 biex jikkawtela l-import ta' dejn li jaqbez certu valur fil-konfront ta' dak li hu "*d-debitur"* tar-rikorrent.

Illi t-titolu ezekuttiv jolqot biss lil Peter Zammit bhala debitur u mhux lil Charlotte Zammit. L-ittra ufficjali li giet prezentata *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kap 12 ukoll hija indirizzata kontra Peter Zammit wahdu. Ir-rikorrent intavola l-proceduri kontenzjuzi imsemmija fl-isem ***"Dylan Azzopardi v Peter Zammit,"*** *(Rik 1028/2013 LSO)* ukoll kontra l-intimat wahdu. F'din il-kawza qed jitlob il-hlas tal-import tal-kambjala fejn id-debitur firmatarju hu Peter Zammit.

Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2013 r-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza ta' Charlotte Zammit izda dan dejjem riferibbilment ghat-talba tieghu li jithallas l-import tal-kambjala iffirmata minn zewgha wahdu.

Ikkonsidrat li hu minnu li koppja tista' tbiddel ir-regim patrimonjali taz-zwieg minghajr hsara ghall-jeddijiet ta' terzi (**ara. Art 1244 tal-Kap 16**) izda din il-klawsola ghandha tinqara flimkien mad-dispozizzjoni tal-Artikolu **1322 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta li tirrikjedi l-kunsens tal-mizzewgin <u>flimkien</u> ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja hemm elenkati.Ghaldaqstant is-sottomissjoni li d-dejn kostitwit mir-ragel wahdu jorbot lill-komunjoni hija, *entro* t-termini tal-mandat odjern manifestament u pacifikament infondata anke fuq basi *prima facie.*

Ikkonsidrat li l-Qorti ghandha toqghod fil-parametri tar-rikors kif intavolat fejn jirrizulta li Charlotte Zammit mhix id-debitrici fuq il-kambjala u ghalhekk jonqos element fondamentali ghall-hrug ta' dan il-Mandat.

**Decide:**

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat;

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-19 ta' Dicembru 2013.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mir-rikorrent.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------